MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 1126/2011

**Anthony Vella magħruf bħala Anthony W. Vella Gera**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta’ Novembru 2011 li permezz tiegħu l-attur premetta:

1. Illi l-esponent Anthony W. Vella Gera twieled fit-22 ta’ Settembru 1937, iben Alfred Vella magħruf bħala Alfred Vella Gera u Evelyn Vella nee Zarb, kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu numru 6590 tas-sena 1937 (Dok A).

2. Illi l-esponenti kien konsistentement magħruf bil-kunjom “Vella Gera”, kif jidher mill-att taż-Żwieġ numru

2119 tas-sena 1971 li bih ġie rreġistrat iż-żwieġ tiegħu ma' Bernardette Inglott fis-7 ta' Settembru 1971 (Dok B).

3. Illi bħala fatt l-attur kien u huwa konsistentment magħruf kemm minn familjari kif ukoll mill-pubbliku, bil-kunjom Vella Gera. Difatti, missieru, li kien Financial Officer man-National Bank of Malta, kien sa mis-sena 1940 diġa magħruf bħala "Alfred Vella Gera".

4. Illi difatti fl-Att tat-Twelid numru 5393 tas-sena 1977 ta' ibnu Anatole, kunjom l-esponent ġie indikat bħala "Vella Gera", filwaqt li ħuh Walter huwa ndikat bil-kunjom "Vella Gera" fl-Att tat-Twelid tiegħu numru 2382 tal-1940.

5. Illi għalhekk huwa opportun illi ssir annotazzjoni fl-atti tal-anagrafu sabiex din ir-realta' tiġi riflessa hemmhekk.

6. Illi l-annotazzjoni mitluba hija meħtieġa a skans ta' kull ekwivoku li jista' jkun ta' preġudizzju għall-esponenti fil-ħajja soċjali tagħhom.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-esponent kien u huwa konsistentement magħruf bil-kunjom "Vella Gera";

2. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tiegħu fis-sens illi dan huwa magħruf bħala "Anthony Vella Gera" (ara sentenza fl-ismijiet ***"Lino Attard magħruf bħala Attard Biancardi u martu Joan Attard magħrufa bħala Attard Biancardi et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku"*** mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fis-16 ta' Frar 2011 (Rikors maħluf numru 866/2010)

3. Tordna wkoll illi dawn l-annotazzjonijiet isiru wkoll fuq kull att tal-istat ċivili li jżomm jew joħroġ il-konvenut, kull fejn ikun meħtieġ.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa nġunt għas-subiżżjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fit-28 ta' Diċembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in limine litis* jingħad li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi, jiġi rilevat li t-tieni talba tar-rikorrenti hija nsostenibbli *stante* li tali att tat-twelid numru 6590/1937 ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jirreferi għal kunjom li t-tarbija tkun se tuża. Il-kunjom li hemm indikat fl-imsemmi Att tat-Twelid huwa difatti dak ta' missieru u mhux tar-rikorrenti;

3. Illi madanakollu l-esponenti jassigura lir-rikorrenti li ġjaladarba kunjomu qiegħed indikat bħala Vella Gera fl-Att taż-Żwieġ tiegħu li jġib in-numru 2119/1971 u fl-Att tat-Twelid ta' ibnu Anatole li jġib in-numru 5393/1977, huwa se jkun meqjus bħala Vella Gera u tali kunjom se jkun rifless f'dawk l-atti pubbliċi fuq liema ismu jkun indikat;

4. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost, it-tielet talba tar-rikorrenti hija wkoll insostenibbli *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sakemm ir-rikorrenti ma jispeċifikax in-numru u s-sena relattivi tal-atti tal-istat ċivili li għalihom qed jagħmel riferenza;

5. Illi fi kwalunkwe każ l-esponent jissottometti li l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Frar 2012 il-kawza tħalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni jew annotazjonijiet ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi l-attur dejjem kien magħruf bil-kunjom ***Vella Gera*** u billi huwa qed jitlob biss annotazzjoni fl-atti ma hemmx wisq problema fir-rigward; madankollu kif sewwa eċċepixxa l-konvenut it-tielet talba ma tistax tiġi milqugħa għaliex ma hemmx indikati għal liema atti huwa qed jirreferi. Jidher ukoll ċar li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi kif dedotti, tiċħad pero' t-tielet talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------